# ĠUŻÈ BONNICI – ĦAJTU U ĦIDMIETU

ELEONORA SAMMUT
(Adattament ta' Pat Gatt u Anna Maria Abela)

Ġużè Bonnici twieled minn ġenituri Għawdxin, fid-dar 34, Triq Alessandru, Valletta, fl-14 ta' Awissu 1907. Beda jmur l-iskola primarja tal-Belt meta kellu ħames snin. Sena wara tilef lil ommu, ġrajja li ħalliet il-marka tagħha fuq ħajtu. Il-familja tiegħu bagħtuh jistudja fis-Seminarju t'Għawdex. Qrabatu Għawdxin jiftakruh bħala tifel kwiet, dejjem medhi b'xi ktieb. Bonnici telaq mis-seminarju ftit xhur qabel tmiem l-aħħar sena u ġie lura Malta. Kompla l-istudji tiegħu fl-iskola ta' San Pawl il-Belt minn fejn, wara sentejn, temm il-kors tal-Matrikola. F'Ottubru 1924 daħal fl-Università biex jistudja l-mediċina. Fl-1928 kiseb il-grad ta' B.Sc u sena wara ħa l-Ph.C, waqt li fl-1 ta' Ottubru 1931 ħa l-lawrja ta' tabib, flimkien ma' erbatax-il student ieħor, fosthom Rużar Briffa.

Bonnici wera interess kbir fil-qagħda politika tal-pajjiż u sa mill-1926 kien wieħed mill-aktar membri ħabrieka fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema. Fl-1934 iżżewweġ lil Evelyn Testa u kellhom tlett itfal: Margaret, May u John. Huwa miet fis-6 ta' Ottubru 1940.

## Il-Ħajja Universitarja

Flimkien ma' Rużar Briffa huwa ħabrek ħafna b'riżq il-Malti fl-Università. It-tnejn ħadmu f'ambjent fejn il-kotra ta' l-istudenti kienu favur it-Taljan u l-Ingliż. Il-firdiet kulturali fost l-istudenti bdew jidhru sewwa, issa li fl-1931 twaqqfet għaqda tal-Malti fl-Università. L-ewwel għadd ta' **Leħen il-Malti**, stampat fl-Empire Press, ħareġ f'Marzu 1931, xahrejn wara t-twaqqif ta' l-għaqda, u kellha ssir it-tieni edizzjoni tiegħu minħabba li l-għadd inbiegħ malajr, bħalma ġara wkoll fit-tieni ħarġa. Minkejja li Bonnici kellu interess fil-Partit tal-Ħaddiema, fehem l-importanza li ma jsir ebda ndħil fil-politika min-naħa ta' l-għaqda.

Tliet xhur wara l-ewwel ħarġa tar-rivista, l-Għaqda tal-Malti (Università) nidiet żewġ konkorsi letterarji miftuħa għall-kittieba kollha u mhux għall-gradwati u għall-istudenti biss. Flimkien ma' Temi Zammit u Ninu Cremona, Bonnici kien eżaminatur tal-konkors tal-proża, waqt li Briffa, Dun Karm u F.S. Caruana eżaminaw il-poeżiji. Meta fl-1931 Briffa mar jistudja l-Ingilterra, Bonnici nħatar editur ta' **Leħen il-Malti**. Aktarx li l-ħatra tiegħu ntemmet meta ismu ma baqax jidher f'ras il-faċċata tar-rivista ta' Frar, 1932.

## Il-Ħajja Politika

Sa minn mindu kien student universitarju, Bonnici interessa ruħu fil-politika. Kien jemmen li l-Partit tal-Ħaddiema kellu s-saħħa li jtejjeb il-qagħda tal-poplu. Il-ħeġġa tiegħu għal dak li kien jemmen fih tidher fil-fatt li qatt ma naqas li jattendi għal-laqgħat, kemm ta' l-eżekuttiv, kif ukoll ġenerali tal-Partit. Fl-1929 inħatar segretarju tal-kumitat distrettwali

tal-Belt. u fis-snin 1929-30 kien ilaqqa' sikwit lil membri oħra tal-kumitat fid-dar tiegħu, il-Belt. Baqa' marbut mal-klassi soċjali li trabba' fiha u fuq kollox għaraf jaħdem biex jara lill-Maltin magħqudin bejniethom.

## It-tabib

Fl-1932, sena wara li kiseb il-lawrja ta' tabib, ippubblika **It-Trobbija tat-tfal** fejn jagħti tagħrif dwar iż-żmien tat-tqala, it-trobbija u l-edukazzjoni ta' l-ulied. Tħajjar jikteb verżjoni tal-ktieb b'Malti ħafif u sempliċi sabiex jiftiehem mill-kotra tal-poplu. Bejn l-1937 u l-1938 xandar sensiela ta' artikli bl-isem **Tagħlim fuq is-Saħħa** fil-**Berka** u ġabar dawn l-artikli fil-ktieb **Il-Ġmiel ta' Ġisimna.**

## Il-Ħidma Letterarja

L-ewwel xogħol stampat tiegħu kien **Fuq Qabar Ommi,** poeżija (1926), ta' siwi aktar bijografiku milli letterarju. F'**Il-Malti** fl-istess sena dehret l-ewwel biċċa proża, in-novella **Mita tħobb**, li ntgħoġbot mill-ewwel, kemm għall-oriġinalità, kif ukoll għall-aspett soċjali. In-novella **Toninu** ġiet it-tieni fil-konkors li nidiet l-Għaqda tal-Malti fl-1926. Fil-ħarġa żejda ta' **Il-Malti** għall-1926 dehret novella oħra, **Għax Miet?** Fl-1927 kiteb l-ewwel biċċa xogħol tiegħu b'lingwa barranija, **La Pazza**, novella li ġiet it-tieni fl-ewwel konkors tan-novelli mniedi mid-direzzjoni tar-rivista **Malta Letteraria.**

Fl-1927 ħareġ ir-rumanzett oriġinali **Imħabba u Mibegħda**, u novella oħra bl-isem ta' **Paċikku** f'**Il-Malti**, waqt li sena wara dehret waħda mill-aħjar novelli tiegħu, **Ġenn.** Fl-1929 kiteb in-novella **Bħal Sokrate.**

Fil-**Pronostku Malti** ta' l-1928 dehru żewġ poeżiji **L-Ilsien Malti** u **Tnehid**, bl-inizjali Ġ.B. li x'aktarx huma ta' Bonnici. Fl-ewwel sena mill-ħruġ ta' **Leħen il-Malti** xandar żewġ novelli bl-isem ta' **Quddiem il-Mera** u **L-Aħħar Lejla.**

Ftit snin qabel ma miet, Bonnici ta l-aħħar sehem tiegħu fil-letteratura Maltija permezz tar-rumanzi **Il-Qawwa ta' l-Imħabba** (1939) u **Ħelsien** (1940). Kien laħaq temm rumanz ieħor, **Lejn Ix-Xemx**, li deher silta silta fil-gazzetta lokali **Il-Berqa.**

Minbarra dan kollu, Bonnici kien attiv fix-**Xirka għat-Tixrid** ta' **l-ilsien Malti,** u bħala editur fil-**Ġabra ta' kitba Maltija** fejn kien jippubblika sensiela ta' l-aħjar xogħlijiet ta' awturi oħrajn. Bonnici ħadem fi tliet oqsma, bħala kittieb, tabib u politiku. Hi ħasra li mewt bikrija tellfet lil-letteratura Maltija bosta snin oħra ta' ħidma ta' bniedem li kellu konvinzjonijiet sodi ħafna dwar l-ilsien Malti u l-edukazzjoni tal-kotra. L-Għaqda tal-Malti ta' l-Università tfakkru b'għożża kbira għall-wirt li ħallielna u għall-eżempju sabiħ li tana.

## *ANTOLOĠIJA BIX-XOGĦLIJIET TA' L-IMSEĦBIN*

*Is-sena d-dieħla l-Għaqda tal-Malti (Università) tagħlaq sittin sena. Fost ħwejjeġ oħra, biex tfakkar dan l-anniversarju l-Għaqda se toħroġ antoloġija bix-xogħlijiet ta' l-imseħbin tagħha. Ibgħat ix-xogħol tiegħek minn issa f'dan l-indirizz: L-Editriċi "Leħen il-Malti", Għaqda tal-Malti (Antoloġija), l-Università, l-Imsida.*